**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 182/2017 CFF**

**Time 2 Travel Agency Limited**

**Vs**

**Uni-Lang Limited**
**Ready For You Limited**

**Illum 11 ta' Novembru, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors tas-socjeta' attrici** fejn talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tmintelef tmin mija u tnejn u sittin ewro u tmemin centezmi (€8,862.80) rifuzjoni ta' hlas maghmul lilhom jew lil min minnhom, li saru bhala hlasijiet ghal bookings ghal kors ghall-istudenti ghall-skola tal-lingwa, liema bookings u kors ma gewx ipprovduti u qatt ma saru, u ghalhekk is-somma fuq imsemmija ghandhom jintrattu lura lis-socjeta' attrici.

Rat ir-**Risposta tas-socjeta' konvenuta Ready For You Limited** fejn issottomettiet illi:

1. Illi preliminarjament is-socjeta' esponenti qed tecepixxi n-nullita' tar-rikors promotur peress illi milli jidher is-socjeta' rikorrenti m'hix socjeta' inkorporata gewwa Malta u ghalhekk se mai dina s-socjeta' kellha tqabbad rapprezentant legali

u/jew gudizzjali hawn Malta sabiex jirrapprezenta l-istess socjeta' f'dawn il-proceduri, haga li jidher li ma sehhx;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk jirrizulta illi l-hlas in kwistjoni sar mis-socjeta' rikorrenti, it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghandha tigi michuda peress illi din l-azzjoni hija wahda li giet intavolata mis-socjeta' rikorrenti sabiex tirkupra ammont illi sejjer jirrizulta illi kien hlas li l-istess socjeta' rikorrenti ghamlet ghan-nom ta' socjeta' ohra bl-isem ta' Time 2 Travel, liema socjeta' hija inkorporata gewwa l-Brazil, fejn din tal-ahhar kellha teffetwa dawn il-pagamenti ghan-nom ta' xi student li kellhom jattendu kors hawn Malta u dana abbazi ta' kuntratt li kien hemm vigenti bejn is-socjeta' ossa Time 2 Travel tal-Brazil u l-intimata l-ohra Uni-Lang Limited (fejn din tal-ahhar kienet awtorizzat lill-esponenti tircievi il-hlas), u ghalhekk tali azzjoni se mai kellha tispetta lil terzi u mhux lis-socjeta' rikorrenti.

3. Illi in oltre s-socjeta' esponenti m'hix il-legittimu kuntradittur f'dan il-kaz;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talba tas-socjeta' rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt hekk kif se jigi ppruvat waqt dina l-kawza u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha;

5. Salv difizi ulterjuri hekk kif permessi fil-ligi.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti hadet konjizzjoni tan-nota ta' riduzzjoni ta' Time 2 Travel Agency Limitedipprezentata fil-verbal tat-2 t'Ottubru, 2018 fejn is-socjeta' attrici qed tirreduci t-talba taghha minn tmint elef tmien mija tnejn u sittin ewro u tmenin centezmu (€8,862.80) ghal tmint elef tmien mija tnejn u ghoxrin ewro u tmenin centemzu (€8,822.80).

**Fabio Martin da Silvia Maesti** fl-affidavit tieghu jghid li huwa Direttur tal-kumpanija Time 2 Travel Agency Limited, liema kumpanija giet irregistrata skont il-Ligi tar-Repubblika tal-Irlanda. Din il-kumpanija tifforma parti minn grupp ta' kumpaniji bl-istess isem irregistrati gewwa Brazil, Malta, Bolivia, Messiku. L-attivita' ta' din il-

kumpanija hija li tofri servizzi lil studenti li jixtiequ jitghalmu l-lingwa Ingliza. Rigward klijenti mill-Brazil, il-kumpanija Braziljana hija responsabbli li tircievi applikazzjonijiet ghas-servizzi riklamati mill-istess kumpanija. Rigward hlasijiet ta' dawn is-servizzi, avolja hija responsabbli li taccetta l-applikazzjonijiet il-kumpanija gewwa l-Brazil, fil-fatt hija l-kumpanija gewwa l-Irlanda li tircievi l-pagamenti ghal dawn is-servizzi. Il-kumpanija gewwa l-Irlanda harget pagamenti lil Uni-Lang Limited fejn il-kumpanija kellha struzzjonijiet sabiex tiddepozita l-flus gewwa kont li jghajjat lil kumpanija Ready for you Limited. Is-sur Maestri jispjega li avolja sar il-pagament minn naha tieghu sabiex jiehu certu servizzi, dawn is-servizzi ma nghatghulux. Huwa pprova jikkomunika diversi drabi mal-kumpanija Uni-Lang u Ready for you Limited izda kien kollu ghal xejn. Huwa gie nfurmat li l-persuni li kienu qed imexxu dawn is-servizzi ma kienux ghadhom fil-kumpanija u ghalhekk ma kien hemm hadd li kien qed jassumi r-responsabbilita' u ma kien hemm hadd li kien lest li jirrifondi lura l-flus.

**Michael Busuttil**, jghid li huwa wiehed miz-zewg Diretturi tal-kumpanija Ready For You Limited, stante li d-direttur l-iehor huwa Alvaro Alberto Correa de Sa E Benevides ta' nazzjonalita' Braziljana u li mhux residenti hawn Malta. Fil-fatt, Michael Busuttil m'ghadx ghandu kuntatt mad-direttur l-iehor. Il-kumpanija Ready For You Limited kienet topera bhala agent ghal universitajiet u skejjel madwar id-dinja fejn l-istudenti kienu jigu ntrodotti mal-kumpanija Ready For You Limited tramite agenti jew rapprezentanti normalment ibbazati barra minn Malta. L-istudenti kienu jaghmlu booking mal-kumpanija Time 2 Travel, liema kumpanija kienet inkorporata taht il-ligijiet tal-Brazil, sabiex jinstabilhom skola gewwa Malta sabiex jitghallmu l-lingwa Ingliza. Time 2 Travel ghamlet kuntatt mas-socjeta' konvenuta Uni-Lang Limited sabiex isiru l-bookings relattivi maghha. Mill-fatturi esebiti jirrizulta li l-mizati kellhom jithallsu direttament lill-kumpanija konvenuta Ready For You li kienet tiggestixxi l-operat tal-iskola in kwistjoni dak iz-zmien. Ghaldaqstant il-kumpanija Ready For You qatt ma kellha relazzjoni diretta mal-kumpanija attrici ghar-rigward is-servizzi provduti. Id-Direttur ezekuttiv li kien jiggestixxi l-operat tal-iskola u li kien interament responsabbli, kien l-imsemmi Alvaro Alberto Correa de Sa E Benevides.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni din qed tigi michuda u dan peress li s-socjeta' konvenuta Ready For You Limited ma semmix fuq liema bazi ta' l-artikolu qeghda taghmel din l-eccezzjoni;

Illi ghar-rigward l-eccezzjonijiet l-ohra li jitrattaw il-mertu tal-kaz, jirrizulta li s-socjeta' attrici ghamlet tlett pagamenti lis-socjeta' konvenuta Ready For You Limited wiehed fid-9 ta' Ottubru 2015 ta' €2867.20, iehor fit-23 ta' Dicembru 2015 ta' €3000 u iehor fil-31 ta' Dicembru 2015 ta' €2955.60. Jirrizulta wkoll li dan kien hlas li sar lis-socjeta' Ready For You Limited ghal servizzi li kellha toffri Unilang International School of Languages. Jirrizulta wkoll li sar ftehim bejn Unilang International School of Languages u s-socjeta' attrici Time 2 Travel Agency Limited, li Unilang toffri servizzi ta' taghlim tal-lingwa Ingliza lil xi studenti li applikaw tramite s-socjeta' rikorrenti li ghamlet il-hlas lil Ready For You Limited fuq talba espressa tal-Unilang International School of Languages. Madanakollu skond ix-xhieda b'affidavit u mhux kontradetta ta' Fabio Martins da Silva Maestri ghas-socjeta' attrici, is-socjeta' attrici hallset il-flejjes indikati lis-socjeta' Ready For You Limited kif hekk diretta mill-Uni-Lang Limited minghajr ma giet offruta s-servizzi rikjesti minnha. Huwa jzid li s-socjeta' attrici pruvat titlob il-flus lura lis-socjetajiet konvenuti ghal xejn. Min-naha taghha s-socjeta' konvenuta Ready For You Limited tghid li vera rceviet il-pagamenti izda peress li hi rceviet il-flus bhala agent ghal Uni-Lang Limited, peress li kienet il-Uni-Lang Limited li kellha toffri s-servizzi in kwistjoni hija m'ghandha l-ebda dover tirrifondi l-flus lura.

Jirrizulta ghalhekk li s-socjeta' Ready For You Limited irceviet u accettat flus minghand is-socjeta' attrici u ghan-nom ta' Uni-Lang Limited. Hawnhekk il-Qorti taqbel ma' l-argument tas-socjeta' attrici li s-socjeta' konvenuta Ready For You Limited hija beneficcjarja u irceviet flus ta' servizz li ma nghatax. Il-Qorti qed tasal ghal din il-konkluzjoni fuq il-gurament li ha Fabio Martins da Silva Maestri permezz ta' l-affidavit tieghu li lanqas ma ntalab li jsirlu l-kontro-ezami u ghalhekk il-Qorti qed tiehu x-xhieda tieghu bhala prova bizzejjed. Ladarba s-socjeta' Ready For You Limited iddecidiet li tagixxi bhala agent ghas-socjeta' Uni-Lang Limited u tircievi l-flus ghan-nom taghha, imissha ladarba hadet dan l-intrigu kellha tassigura li se mai is-servizz li s-socjeta' attrici kienet qed thallas ghalih kellu jinghata u l-Qorti ghalhekk taqbel ma' dak li qal ir-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici fit-trattazzjoni, jekk dawn il-flus gew ricevuti mis-

socjeta' konvenuta' Ready For You Limited minghajr konsiderazzjoni, allura ma humiex dovuti, u ghalhekk jirrizulta li s-socjeta' konvenuta msemmija irceviet flus li ma humiex dovuti lilha u ghalhekk ghandha tirrifondi kollox lura lis-socjeta' attrici.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici Time 2 Travel Agency Limited u tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta Ready For You Limited u tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti Uni-Lang Limited u Ready For You Limited ihallsu s-somma ta' tmint elef tmien mija tnejn u ghoxrin Ewro u tmenin centezmu (€8822.80) in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici Time 2 Travel Agency Limited, bl-ispejjez legali kontra s-socjetajiet konvenuti u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**